**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 10 – IT-TNEJN, 2 TA' SETTEMBRU 2013 FIS-5:45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier (6.05pm) |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. Approvazzjoni Minuti Numru 8

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Approvazzjoni Minuti Numru 9

2.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 3. Punti li joħorgu mill-minuti

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward ir-rotta tal-Arriva, jekk din ma tgħaddix minn Triq l-Ortolan. Għandha tintbagħat ittra biex nikkonfermaw jekk din hiex ir-rotta uffiċjali.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-bus stop fi Triq il-Kappella. Għandha tintbagħat reminder lil LCA biex din il-bus stop tinbidel.

3.3 Ġie nnutat li l-cart ruts ġew imnaddfa mill-ħaddiema tal-ambjent.

3.4 Rigward il-marki tat-toroq, fil-paragrafu 6.7 fil-minuti, dawn ġew ikkonfermati li saru.

**4 Pagamenti Numru 8**

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward numru 61 il-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill jikkonsidra dan il-kont eċċessiv u r-rapport huwa ftit vag. Ġie deċiż li ssir laqgħa mas-Sindku u l-Perit fuq dan ir-rigward. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**5. Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħlas pendenti mill- ex Sindku Joe Aguis. Ġie deċiż li tinfetaħ kawża fil-Qorti tat-talbiet iż-żgħar.

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fuq il-qagħda tal-Kunsill wara l-ħsara li ġġarrfet fit-12 ta' Awwissu. Kien hemm diskussjoni rigward core cuts u testijiet oħra li jistgħu jsiru fuq il-bini tal-Kunsill. Is-Sur Neville Mallia ippropona li meta jitlesta l-binja f'Ta' Żwejt, il-Kunsill għandu jibda jopera minn hemm. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu. Ġie deċiż ukoll li tinbeda tfittxija immedjata, fejn issir talba lid-Dipartiment biex jinsab post alternattiv għall-użu immedjat.

**6 Korrispondenza**

6.1 Ġiet innutata t-talba mill-ħwienet ta' Triq in-Naxxar biex issir id-dawl tal-Milied f'din it-triq u l-Kunsill joħroġ nofs l-ispejjeż. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħha.

6.2 Ġiet innutata r-ringrazzjament tan-Nursey tal-Football ta' San Ġwann għat-tournament li ġie organizzat konġunt mal-Kunsill. Ġiet innutata wkoll it-talba biex issir laqgħa mas-Sindku biex forsi ssir attività oħra.

6.3 Ġiet innutata l-istima għall-bnadar ta' San Ġwann mingħand is-Sign It. Ġie deċiż li din l-istima hija għolja ħafna.

6.4 Kien hemm diskussjoni rigward l-istima mill-Metal System Ltd għall-ixkaffar ġodda għal ġewwa l-librerija. L-istima hija ta' 1050 Ewro. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din l-istima.

6.5 Kien hemm diskussjoni rigward l-istima għal GPS locators għall-karretti tal-kenniesa ġewwa San Ġwann. Ġie deċiż li ma jsirux dawn il-locators.

6.6 Kien hemm diskussjoni rigward it-tqassim tal-magazine tal-Kunsill. Is-sur Etienne Bonello du Puis ippropona li jerġa' jitqassam mill-istess persuna li qassam l-edizzjoni ta' Ġunju minħabba li l-prezz bejnu u dik tal-istima ta' 3D hija waħda minima ħafna u hu diġà għandu l-esperjenza. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 5 favur u 4 astensjoni.

6.7 Ġiet innutata talba biex jitħalla skip privat, għal skart domestiku fi Triq Santa Margerita. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata sakemm din l-iskip ma tkunx fuq propjetà privata.

6.8 Ġiet innutata talba biex jibda jsir Zumba. Ġie deċiż li ma tiġix milqugħha din it-talba minħabba nuqqas ta' spazju.

6.9 Ġiet innutata talba biex issir advertising bollard fi Triq in-Naxxar. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din it-talba skont proċeduri stabbiliti.

6.10 Ġiet innutata talba għal spazju biex jibda jsir weightlifting. Ġie deċiż li ma tiġix milqugħha din it-talba minħabba nuqqas ta' spazju.

6.11 Ġiet innutata talba mill-Basketball Association of Malta biex isir Basketball Court f'San Ġwann. Għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li ssir fil-ġnien f'Ta Żwejt.

6.12 Ġiet innutata talba għal spazju biex isir Homework Club. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettata din it-talba minħabba nuqqas ta' spazju.

6.13 Ġiet ippreżentata stqarrija ffirmata mill-kunsilliera tal-PL.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mill-laqgħa (8.25pm).

6.14.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa li saret mal-MEPA fuq in-North Harbour Local Plan.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mill-laqgħa (8.30pm).

6.14.2 Ġie deċiż li l-proposti tal-Kunsill jkunu: li ż-żona bejn Triq R Caruana Dingli u Triq il-Kampanella jsiru 3 sulari + semi basement bħala madwar kollu. Għandu jiġi propost ukoll li s-sit f'Ta Żwejt fejn sar il-klabb tal-boċċi l-ġdid jidħol fiż-żona tajjeb għal-iżvilupp.

6.15 Ġiet innutata talba mill-Enemalta, għal No Objection biex f'Wied Għomor (ħdejn il-girna) isir shaft vertikali dejjaq biex jaqbad mat-tunnel li għaddej. Dan għandu jnaqqas l-istorbju li jkun hemm fis-sit fi Triq l-Ortolan.

Is-Sur Trevor Fenech reġa' daħal għal-laqgħa (8.40pm).

6.16 Ġiet innutata talba minn Pinto għal permess ta' tables and chairs. Il-Kunsillier Dominic Cassar ġie nkarigat jara eżatt x'inhi din it-talba.

6.17 Ġiet innutata l-avviż mill-MEPA li fil-5 ta' Settembru ser tittieħed id-deċiżjoni fuq il-proġett ta' Żbibu Lane.

6.18 Ġie deciz li ssir No Objection għat-talba tal-iScouts biex issir car wash f'Misrah Lourdes.

6.19 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hu għandu jidher quddiem il-Bord ta' inkjesta fuq ix-xiri tal-binja tal-Kunsill.

Saret recess ta' 15-il minuta.

**7. Affarjiet oħra.**

7.1 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex issir bollard fit-Triq il-Lunzjata. Il-Kunsillier Dominic Cassar għandu jara fejn għandha ssir din il-bollard. Hija talbet ukoll biex il-kuntrattur il-ġdid fuq id-dawl tal-ġonna jitqabbad jagħmel ix-xogħol fuq in-nixxieja f'Misraħ Awrekarja. Is-Sinjura Marica Bayliss ma taqbilx mal-istqarrjia tal-Kunsilliera Laburisti għaliex il-Minority Leader kienet taf li kien ġej is-Segretarju Parlamentari l-Kunsill. Ghandu isir it-tindif u qtugh ta haxix non-urban.

7.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni l-inċident li kien seħħ f'April meta skip f'Misrah Lourdes għamlet ħsara fuq karozza. Is-Sindku għandu jiltaqa' mal-GreenPak fuq din. Għandha tintbagħat komunikazzjoni lis-Sur David Soler rigward karozzi pparkjati fi Triq l-Imsieraħ li jkunu qegħdin jistennew tiswija. Hija talbet biex isir patching fi Triq Santa Margerita u Triq il-Fikus. Dawk ta' Triq Santa Margerita għandhom jiġu patched, imma Triq il-Fikus għandha bżonn tiġi resurfaced.

7.3 Is-Sur Malcolm Abdilla gab ghal-attenzjoni s-sitwazzjoni hazina tal-iskips tar-riciklar fi triq Stefanotis. Hu ilmenta ukoll li fl-attivita li saret bejn il-kunsill u l-kazin tal-banda, ma kienx hemm l-arma tal-kunsill fuq il-fuljett li inharreg.

7.4 Is-Sur Trevor Fenech ġab għall-attenzjoni barrier imkissra quddiem il-Juniors. Din hija r-responsabbilità ta' TM. Hu informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-Musical San Ġwann miexi tajjeb ħafna. Hu ssuġġerixxa li fil-Milied isir kunċert minn Tribute Band "One Direction".

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mill-laqgħa (9.10pm).

7.5 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li sar vandaliżmu fuq il-plakka tal-masġar. Din tnaddfet minnu u s-Sur Philip Dimech. Għandha bżonn issir bollard ġdida f'dan il-masġar. Hu informa lill-Kunsill ukoll li f'dan il-masġar qed isir ix-xogħol kollu neċessarju kif ukoll qed jiġi msaqqa regolari. Hu informa li bħalissa qiegħed fid-dlam minħabba li inqata' s-servizz tad-dawl. Għandu jsir query fuq dan.

**8. Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |